PDF Compressor Pro



Waqt id-diskussjoni dwar il-vjaġġi bl-ajru bejn iż-żewġ Ġżejjer. Fir-ritratt mix-xellug jidhru L-eks Speaker tal-Parlament Anton Tabone, il-Kaptan George Kissaun u Laurie Vella li mexxa d-diskussjoni

Ktieb ġdid fuq l-istorja tal-vjaġġi bl-ajru bejn Malta u Għawdex

Anton Tabone, l-ewwel Ministru għal Għawdex, indirizza l-okkażjoni fejn ġie varat il-ktieb ta' George Kissaun, ***My Life in Aviation – The Malta-Gozo Airlink***, li saret fil-Campus ta' l-Università fix-Xewkija.

Saret diskussjoni dwar il-vjaġġi bl-ajru bejn iż-żewġ Ġżejjer. Ħadu sehem Joe Muscat, CEO tal-GTA; Michael Grech, President tal-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija; il-Kaptan George Kissaun, l-Eks Speaker tal-Parlament Anton Tabone u Ryan Mercieca, President tal-GUG. Liema diskussjoni tmexxiet minn Laurie Vella.

Għal ħafna nies, George Kissaun hu marbut mal-*International Air Rally* ta' Malta. Din is-sena ċċelebraw it-43 edizzjoni tar-*Rally* b'suċċess. Fil-fatt, kemm dan il-fattur u ż-żmien li għamel bħala Ċermen tal-*Airport Users Committee* u l-*Air Terminal Construct and Design Committee*, flimkien mal-esperjenza personali fl-avjazzjoni meta kien fil-militar, tawh esperjenza unika, kemm prattika u teknika. Kien iħobb ħafna jibni u jtajjar ajruplani żgħar.

George Kissaun, li għandu 74 sena, twieled u trabba tas-Sliema u studja l-Liċeo. Beda jaħdem maċ-Ċivil iżda għażel karriera fil-militar u kiseb il-kummissjoni tiegħu 50 sena ilu – fl-1962. Wara li segwa t-taħriġ intensiv fl-Infanterija u l-Isparar fl-Ingilterra u għamel servizz fil-militar f'Malta, ingħaqad mal-istaff tal-Palazz, il-Belt, bħala ADC ta' Sir Maurice Dorman, dak iż-żmien Gvernatur Ġenerali ta' Malta. Baqa fl-istess kariga meta r-rwol evolva u tlaħħqu l-ewwel żewġ Presidenti ta' Malta, Sir Anthony Mamo u Dr Anton Buttigieg.

Wara li telaq mill-Militar fl-1979, reġa ingħaqad maċ-Ċivil, fosthom numru ta' karigi fl-Organizazzjoni tat-Turiżmu Nazzjonali ta' Malta (l-NTOM), fost oħrajn. Kien ukoll kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Msida bejn l-2000 u l-2008. L-aħħar kariga li kellu fl-avjazzjoni kien bħala delegat suq il-mandat ta' Sema Wieħed Ewropew (*Single European Sky*), li attenda regolarment bejn l-1999 u l-2008.

Għawdex dejjem kien għal qalb Kissaun. Iżur il-Ġżira Għawdxija sikwit u l-esperjenza tiegħu fl-avjazzjoni għenitu jgħaqqad dawn it-tnejn b'mod uniku. Jirreferi għall-ktieb bħala l-ewwel attentat biex jikteb l-istorja tal-avjazzjoni mhix marbuta mal-armata ta' Malta u Għawdex li fih kien involut personalment.

L-ewwel referenza għall-possibiltà li turisti jittieħdu Għawdex bl-ajru minn Malta kienet lejn l-aħħar tas-snin Sittin. Proġett biex jinbena ajruport 1.6 km fl-Ilbiċ tax-Xewkija kien approvat kemm mill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kif ukoll mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Publiċi.

Niġu 'l quddiem għas-Snin Tmenin u pjanijiet preliminari għal dan l-ajruport ġew f'idejh. Ftit wara l-elezzjoni tal-1987, George Kissaun ġie avviċinat mill-Ministru għal Għawdex Anton Tabone, li saqsieh jekk proġett biex jinġarr in-nies bl-ajru bejn Malta u Għawdex kienitx fattibbli.

Mill-bidu nett, Kissaun għamel distinzjoni bejn l-użu ta' ajruplani u elikotteru, u għamel lista ta' tlett fatturi importanti ħafna: post fejn jista' jinżlu ajruplani jew elikotteri; il-ħtiġijiet tal-passiġġieri li jkunu waslu u jkollhom bżonn jitilqu mill-faċilità; u l-ħtieġa ta' finanzjament, mill-privati jew mill-Gvern.

Wara li ta l-opinjoni li proġett biex jinġarru nies bl-ajru bejn Malta u Għawdex kien fattibbli, Kissaun ġie mistieden ikun Viċi-Ċermen tal-*Malta Gozo Airlink Committee*, li kienet preseduta mill-Ministru Tabone. Il-membri l-oħra ta' dan il-kumitat kienu Joe Galea mill-Ministeru tal-Finanzi, Joe Sultana mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili, Franco Masini, Ċermen tal-Gozo Channel, u Franz Camilleri mill-Air Malta.

F'dan il-ktieb naraw il-proċess li sar biex l-għażliet kollha jiġu evalwati, il-fatt li proġett bl-ajruplani kien 40 fil-mija irħas biex jiġi operat u l-paraguni internazzjonali, speċjalment mal-Ġermanja, biex tiġi evalwata l-fattibilità tal-proġett. Kissaun jemfasizza li, mill-bidu nett, kien hemm differenza bejn post fejn jinżlu ajruplani zgħar u mitjar, li l-medda ta' art li hemm bżonn għal ajruplani ta' dan it-tip hu żgħir ħafna u dak li kien qed jiġi propost kien post fejn jinżlu l-ajruplani żgħar bi tluq u nżul qasir ħafna.

Ftehim importanti ntlaħaq meta beda servizz bil-ħelikopter, operat mill-*Air Malta*, fl-1990. Kissaun imbagħad jiddedika l-biċċa l-kbira tal-ktieb biex jirreġistra kif dawn l-avvenimenti ġew irrapportati fil-gazzetti u rivisti lokali. Dan bil-fors kien jinvolvi riċerka impenjattiva u dettaljata. Hemm kapitlu bit-titlu *Airstrip Saga* u l-proposta li *airstrip* f'Għawdex jintuża mill-Forzi Armati ta' Malta f'operazzjonijiet ta' emerġenza, u għat-tfittix u salvataġġ. Din hi proposta li għadu jemmen ħafna fiha.

Fil-kapitlu ta' wara kien hemm l-iżvilupp tal-*Heliport* f'Għawdex, f'Ta' Lambert fil-limiti tax-Xewkija. Meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea fl-2004, is-servizz bl-elikotteru twaqqaf mill-*Malta Air Charter* peress li l-ħelikopter Mil Mi-8 li kienu qegħdin jintużaw għas-servizz ma kinux konformi mar-regolamenti tal-UE.

Kissaun imbagħad jittratta l-isforzi oħrajn li kien hemm biex jibda servizz bl-elikotteru, inkluż il-*coverage* fil-midja u l-korrispondenza li ġiet pubblikata fuq is-suġġett. Hemm kapitlu fuq id-*Denied-Boarding Saga* u wara hemm żewġ kapitli fuq l-operat ta' ajruplan żgħir u l-aspett ta' dawn it-tipi ta' ajruplani.

L-aħħar kapitlu tal-ktieb għandu t-titlu: Kull m'hemm bżonn hi rieda politika. Ċertament it-teknoloġija avvanzat ħafna f'dawn l-aħħar 25 sena u ajruplani llum għandhom inqas ħtiġijiet u għandhom iktar sigurtà fihom.

Anton Tabone tkellem fuq l-iżviluppi ewlenin li kkontribwew biex jagħmlu t-trasport bl-ajru bejn Malta u Għawdex realtà u ta ġieh lil Kissaun għall-kontribut tiegħu. L-awtur irringrazzja dawk kollha li taw sehem biex il-ktieb isir realtà. Kien hemm dibattitu wara b'domandi u osservazzjonijiet minn dawk li kienu preżenti.



Seminar dwar il-bini tal-Presepju

Seminar tal-Presepju organizzat mill-Għaqda **'Il-Milied fix-Xagħra'** nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru, filgħodu, fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ fix-Xagħra, ġibed għadd ġmielu ta' tfal u żgħażagħ. Il-Presepista Malti Victor Darmanin ta preżentazzjoni dwar il-presepju tas-sufra, kif ukoll tagħrif dwar il-Presepju storiku ta' Santa Maria Maggiore ta' Ruma.

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Alfred Camilleri Cauchi (lemin) u Raymond Bonello jagħmlu l-pjanijiet finali tagħhom qabel l-inawgurazzjoni tal-monument

Inawgurat il-Monument tal-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech nhar is-Sibt 17 ta' Novembru inawgura l-monument tal-predeċessur tiegħu l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi li huwa midfun fil-Katidral ta' Għawdex.

Il-monument sar fuq disinn ta' Alfred Camilleri Cauchi waqt illi x-xogħol fl-irħam sar minn Raymond Bonello.

Il-parti ta' fuq tal-monument jikkonsisti minn lunetta skolpita fl-irħam li turi l-Viżitazzjoni.

Bust tal-bronż tal-Isqof, xogħol Camilleri Cauchi u li nhadem l-Italja, jifforma parti ukoll mill-monument.

Il-monument tbierek minn Mons. Isqof Grech wara quddiesa konċelebrata b'suffraġju għal ruħ Mons Isqof Cauchi, li bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.



Sarah Micallef (lemin) tidher tippreżenta l-premju lil Danica Sultana


Attività fl-okkażjoni tal-'Hand-Washing Day'

Danica Sultana, mir-raħal tal-Munxar, studenta tas-sitt klassi tal-iskola St. Francis t'Għawdex, kienet ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni li ġiet organizzata mill-MMSA (*Malta Medical School Association*) fl-okkażjoni tal-*'Hand-washing Day'*.

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru, is-Sinjorina Sarah Micallef iltaqgħet mat-tfal tal-iskola u tellgħet attività biex tisħaq l-importanza tal-ħasil tal-idejn biex jiġi evitat it-tixrid ta' mikrobi.

L-istudenta Danica Sultana, li ġiet l-ewwel fil-kategorija tal-ħames u s-sitt sena fl-iskejjel primarji, ġiet mogħtija ċertifikat u premju.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.
Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna